MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 883/2009

**Sterling Car Rentals Limited (C-9362)**
**vs**
**Joseph Zammit (K.I. 562179M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, hames mija, tnejn u erbghin ewro u sitta u sittin ewro centezmi (€1542.66) rapprezentanti in kwantu ghal (elf tnejn u tlettin ewro u sitta u sittin centezmu) €1032.66 prezz ta' kiri tal-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni EBK-132, ABJ-613, ADK-111 fil-perjodu bejn it-23 ta' Novembru, 2008 u l-21 ta' Marzu, 2008, in kwantu ghal hamsa u disghin ewro (€95) rapprezentanti prezz ta' *'car stereo'* li nsteraq waqt li l-vettura kienet mikriha lill-intimat u erba' mija u hmistax-il ewro (€415.00) rapprezentanti citazzjonijiet tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali 166A datata t-2 ta' Marzu, 2009 (Ref1069/09) u bl-imghax legali sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt jixhed in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' April, 2010 mill-Avukat Nikita Scicluna u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l- konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------